MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Numru. 649/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**
**VS**
**JONATHAN DECELIS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Decelis ta' 26 sena, iben Filomeno u Grace nee'Dalli, mwieled tal-Pieta' nhar it-23 t'Awissu, 1984 u joqghod Flat 3, Blok 4 Triq Betta, Tarxien u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 419584(M).

U Akkuzat talli fid-29 ta'Marzu, 2011 u/jew fx-xhur ta'qabel minn bitha adjacenti mal-fabbrika Windmill Aluminium Ltd. fi Triq il-Belt Valletta, Luqa

1. Flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta'kwantita t'aperturi tal-aluminium, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin liema serq sar ghad-dannu tas-socjeta' Windmill Aluminium Ltd. u/jew ta'persuna/i u /jew xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl- imputat.

Rat il-verbal tat-3 t'April 2012 fejn l-imputat ma sabx ogezzjoni li jigu gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-amissjoni ta' l-imputat registrata fis-3 t'April 2012;

Semghet il-konferma ta' l-istess amissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragenoveli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib lill-Jonathan Decelis hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 17, 31,261, 263(a), 264(1), 266, 267, 270, 278(2), 278(3), 279(b),tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’Malta tqieghed lill-imputat **Jonathan Decelis taht Ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett snin (3),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Il-Qorti tordna lill-*Probation Officers* nominati jiprezentaw rapport tal-progress o meno tal-imputata kull erba’ xhur.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputat , u il-Fedina Penali nadifa tieghu il fatt illi l-imputat huwa *mildly retarded* u ghalhekk soggett li mhux biss ikun influwenzat izda illi jkun maghgun kwasi mod totali minn rieda ta’ terzi persuni.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------